# QORTI TA' L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 18 ta' Jannar, 2002.**

**Numru**

**Avviz numru 1109/99 MM**

**Anthony Mangion**

**vs**

**Mario Fenech u Margaret Fenech**

**Il-Qorti;**

**PRELIMINARI ; L-AVVIZ PROMOTORJU**

1. B'avviz prezentat fil-kawza fl-ismijiet premessi l-attur wara li ppremetta :-

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta' Lulju 1998 fl-ismijiet Anthony Mangion vs Mario Fenech (Avviz Numru 1117/98MM) l-attur gie kanonizzat kreditur tal-konvenut (li hu mizzewweg lill-

konvenuta l-ohra) fis-somma ta' tmien mitt lira Maltin (Lm800) in rifuzjoni ta' flus imhallsin mill-attur lill-konvenuti ghall-promessa cessjoni ta' art maghrufa bhala ta' Trenta fil-kontrada ta' Srini, Zebbug, Malta, liema cessjoni ma sehhitx ghax ma setghetx issehh, bl-ispejjez tal-kawza u bl-imghax mill-14 ta' Mejju 1998 (Dokument A1).

Illi b'Mandat ta' Qbid numru 1611/98 tat-18 ta' Awissu 1998 gew maqbudin mill-poter tal-konvenut mid-dar fejn joqghod ma' martu Margaret l-oggetti ndikati fl-annessa lista Dokument A2.

Illi fuq Rikors tal-attur prezentat fl-4 ta' Novembru 1998 ghall-bejgh b'subbasta tal-oggetti maqbudin bl-imsemmi Mandat giet fissata l-imsemmija subbasta ghas-16 ta' Marzu 1999 u sussegwentement ghat-8 ta' Lulju 1999 (stante li l-konvenut ma kienx ghadu notifkat bl-ewwel Avviz tal-bejgh fuq imsemmi) (Dokument A4).

Illi b'Rikors prezentat fl-14 ta' Gunju 1999 il-konvenuta Margaret Fenech mart il-konvenut talbet li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tirrevoka *contrario imperio* d-Digriet taghha tat-13 ta' Mejju 1999 li bih kien gie fissat il-jum 8 ta' Lulju 1999 ghall-bejgh in subbasta tal-oggetti elevati mid-dar konjugali mill-poter tal-konvenut zewgha (u taghha) bil-Mandat ta' Qbid 1611/98 u ghalhekk tordna l-liberazzjoni tal-effetti mobili kollha maqbuda bil-precitat Mandat ta' Qbid.

Illi fis-6 ta' Lulju 1999 meta l-Avukat tal-attur mar biex jaghmel ir-risposta tieghu ghall-imsemmi rikors fit-terminu ta' jumejn minn notifika kif moghti mill-Qorti sab li l-Qorti kienet iddegretat ir-Rikors fil-5 ta' Lulju 1999 (Dokument A3) in vista' li ma saret l-ebda risposta in opposizzjoni u ghalhekk il-Qorti laqghat it-talba kif dedotta.

Illi l-attur ma setax jirrispondi tempestivament ghar-Rikors ta' Margaret Fenech ghaliex jallega li hu gie notifikat bir-Rikors nhar is-Sibt 3 ta' Lulju 1999 billi thallietlu kopja f'idejn persuna li l-Purtier kwalifika bhala Nancy Mangion waqt li l-istess Purtier iddikjara f'Riferta bid-data tal-1 ta' Lulju 1999 li huwa kien innotifika lill-attur personalment billi hallielu kopja tar-Rikors f'idejn l-imsemmija Nancy Mangion (li mhux mart l-attur jew membru tal-familja tieghu izda persuna li tikkoabita mal-attur).

Illi r-ragun li kienet gabet il-konvenuta Margaret Fenech mart il-konvenut biex issostni t-talba taghha ghal-liberazzjoni tal-oggetti maqbudin bil-Mandat ta' Qbid mill-bejgh in subbasta kienet, li hija kienet isseparat minn zewgha, l-konvenut, b'kuntratt tat-23 ta' Lulju 1998 u f'dan il-kuntratat zewgha kien assenjalha sehemu mill-effetti kollha ezistenti fl-appartament Block Ittra B Numru 3 (B3) flat Numru 4, Triq in-Newl, Haz-Zebbug (id-dar konjugali).

Illi s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tas-6 ta' Lulju 1998 fuq imsemmija kienet tipprecedi l-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-konvenut u martu

b'almenu 17-il gurnata u l-meritu kien debitu tal-komunjoni u l-Mandat ta' Qbid sar fuq id-dar taz-zwieg fejn jidher car kien ghadu abitat mill-konvenut meta sar il-Mandat ta' Qbid fit-18 ta' Awissu 1998 u ezegwit fl-20 ta' Ottubru 1998.

Illi n-nuqqas tal-attur li jirrispondi tempestivament fit-terminu lilu preskritt ma seta' qatt ifisser l-accettazzjoni tat-talba tal-imsemmija Margaret Fenech izda se mai kienet din l-atitudini, kontestazzjoni tat-talba (dan qed jinghad bla ebda pregudizju ghall-fatt li l-attur ihoss li gie indott ghan-nuqqas li jirrispondi tempestivament minn nuqqas tal-Purtier li jinnotifikah kif kien xieraq bir-Rikors kif kienet ordnat il-Qorti tal-Magistrati b'digriet taghha tal-15 ta' Gunju 1999).

Illi l-kondizzjonijiet tal-Kuntratt ta' Separazzjoni tat-23 ta' Lulju 1998 bejn il-konjugi Fenech qatt ma seta' jkollhom effett legali fuq terzi kredituri tal-konjugi bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti minn zmien qabel l-istess kuntratt u l-iskrizzjoni tieghu fir-Registru Pubbliku.

Talab li l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi l-oggetti kollha elenkati fil-Mandat ta' Qbid 1611/98 fuq imsemmi ghandhom soggetti ghall-effetti tal-istess Mandat u dan nonostante l-assenjazzjoni tan-nofs tieghu mill-imsemmija mobbli da parti tal-konvenut Mario Fenech a favur ta' martu Margaret Fenech u bhala tali huma soggetti ghad-domanda tal-attur ghall-bejgh in subbasta sabiex id-debitu tal-imsemmi Mario Fenech

(debitu li kien tal-Komunjoni gia' ezistenti bejnu u martu Margaret) u dovut lill-attur, ikun jista' jithallas u jigi sodisfatt.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandat ta' Qbid tad-9 ta' Lulju 1999 Numru 1550/99 u tal-Mandat ta' Sekwestru tal-20 ta' Lulju 1999 Numru 1608/99 kontra l-konvenuti li jibqghu ngunti ghas-subizjoni.

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUTA**

2. Il-konvenuta eccepiet :-

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan in bazi ghas-segwenti motivi, fost ohrajn :-

(a) l-eccipjenti ma kienitx citata bhala wahda mill-kontendenti fil-kawza per Avviz Numru 1117/98MM ;

(b) il-Mandat ta' Qbid Numru 1611/98 li ta lok ghall-prelevament tal-oggetti maqbuda gie ntavolat fit-18 ta' Awissu 1998 u ghalhekk wara l-pubblikazzjoni tal-kuntratt tas-separazzjoni tat-23 ta' Lulju 1998 ;

(c) il-proceduri tas-separazzjoni kienu inizzjati qabel is-sentenza profferita fis-6 ta' Lulju 1998 ;

(d) il-konvenut l-iehor assuma l-oneru li jaghmel tajjeb ghad-debitu minnu maghmul u dan kif espress fil-kuntratt tas-separazzjoni

Salvi eccezzjonijiet ohra.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

Il-konvenuta hasset ruhha aggravata b'din id-decizjoni u minnha qed tinterponi umili appell quddiem din il-Qorti fuq l-aggravju illi l-ewwel Qorti ma applikatx il-principji legali li jghoddu ghall-kaz u dan kif gej :-

**Il-fatti**

(a) L-attur innegozja mal-konvenut Mario Fenech biex dan tal-ahhar icedilu l-uzu tal-art proprjeta' tal-Gvern izda mqabbla lill-istess Fench. Huma ftehmu fuq prezz ta' Lm800 li thallas mill-attur.

(b) Meta dan il-ftehim ma setax jigi attwat huwa talab lil Mario Fenech biex jirrifondilu s-somma hekk imhallsa. Hut l-imsemmi Mario Fenech irrestitwewlu s-sehem ricevut minnhom. Il-qbiela tal-art kienet parafernali tal-ahwa Fenech.

(c) In segwitu, l-attur azzjona lill-imsemmi Mario Fenech ghar-radd lura tas-somma kapitali mhallsa. Dan baqa' kontumaci u b'sentenza

tas-6 ta' Lulju 1998 il-Qorti laqghet it-talba tal-attur. F'din l-azzjoni l-esponenti ma kienitx citata.

(d) L-ezekuzzjoni ta' din is-sentenza saret tramite Mandat ta' Qbid intavolat fit-18 ta' Awissu 1998. Din il-procedura giet segwita bil-proceduri konkomitanti tas-subbasta.

(e) L-esponenti u zewgha sseparaw skond kif evidenzjat mill-kuntratt tat-23 ta' Lulju 1998, esebit fl-atti ta' din il-kawza.

(f) Meta l-esponenti giet rinfaccjata bl-atti tas-subbasta hi agixxiet ghar-revoka tad-digriet li bih gie awtorizzat il-bejgh in subbasta tal-oggetti prelevati, li bis-separazzjoni kienu saru proprjeta' esklussiva taghha.

**Is-sentenza**

L-ewwel Qorti tirrikonoxxi l-istat tal-fatti fuq esposti, u li servew ghall-introduzzjoni tal-istanza de quo, izda mbaghad tafferma illi l-esponenti ma ppruvatx illi l-oggetti maqbuda kienu saru taghha.

Ziedet inoltre taggungi illi minkejja li l-art li fuqha nghatat is-somma kienet proprjeta' parafernali ta' Mario Fenech, din is-somma tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti gia' ezistenti bejn il-konjugi Fenech. In

konsegwenza ghal dan ir-ragonament, l-ewwel Qorti b'mod 'sempliciter' iddikjarat illi l-proprjeta' kollha tal-komunjoni tista' tigi attakkata biex tissodisfa d-dejn u d-divizjoni tal-gid tal-komunjoni ma jinnewtralizzax il-kreditu pretiz.

**L-aggravji**

Huwa accettat mill-Qorti tal-ewwel grad illi art meritu tan-negozju bejn l-attur u l-konvenut Mario Fenech kienet proprjeta' parafernali tal-istess Mario Fenech, u kwindi s-somma kapitali li thallset ghac-cessjoni tad-dritt tal-uzu jew inkwilinat di diritto tispetta lilu u qatt ma tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

Kif jinghad fid-decizjoni fl-ismijiet "D. Rossi vs G. Scicluna" riportata a Vol. XXX p.I p. 18 :- "il-komunjoni tal-akkwisti huwa istitut specjali fil-ligi taghna li jirrapprezenta bhala socjeta' partikolari fl-akkwisti, u l-kapitali qatt ma jkunu konferiti imma dejjem jibqghu ta' proprjeta' ta' xi wiehed mill-partijiet – il-mara jew ir-ragel".

Huma biss il-frutti derivanti mill-kapital parafernali li jidhlu fil-komunjoni meta jvigi dan ir-regim.

Din il-qaghda ghandha tirrizulta daqstant ovvja minn ezami tal-Artikoli 1320 u 1327 tal-Kodici Civili.

Huwa mbaghad dak dispost fl-Artikolu 1329(1) li jistipula illi “l-kredituri ta’ parti fiz-zwieg ghal djun li ma tbatihomx il-komunjoni tal-akkwisti, sew jekk id-dejn ikun sar qabel iz-zwieg jew wara, jistghu, meta dawk il-kredituri ma jkunux jistghu jissodisfaw it-talba taghhom kontra l-beni parafernali ta’ dik il-parti, jinforzaw it-talba taghhom in subsidium kontra l-beni li jkunu parti mill-komunjoni tal-akkwisti.” Sitwazzjoni inversa hi prospettata fl-Artikolu 1330 tal-Kapitolu 16. Naturalment bil-kwalifiki hemm espressi.

Fil-kaz de quo agitur ma jirrizultax illi l-attur ottempera ruhu ma’ dan id-dispost tal-ligi qabel ma ghadda biex jezegwixxi l-gudikat favur tieghu fuq il-beni tal-komunjoni, anke kieku stess, u dan qed jinghad, gratia argomenti, l-gid tal-komunjoni kellu jirrispondi ghall-kreditu reklamat.

Illi evidentement ukoll l-ewwel Qorti ma tatx addebitu piz il-fatt illi :-

(a) l-esponenti ma kienitx kompartecipi fl-azzjoni li ffirmat il-jedd ghar-rifuzjoni tas-somma reklamata ;

(b) li fil-mument tal-ezekuzzjoni l-komunjoni tal-akkwisti kienet giet xolta u ma baqghatx aktar vigenti biex l-attur seta’ b’sikurezza jew bi dritt jinforza t-talba tieghu fuq l-assi tal-komunjoni ;

(c) li l-konvenut l-iehor kien ghadda l-import ta' sehmu mill-hwejjeg mobbli, gia' formanti parti mill-assi tal-komunjoni, lil martu, u li kwindi fil-mument tal-ezekuzzjoni tal-gudikat favur tieghu l-istess hwejjeg mobbli kienu fl-interita' taghhom jappartjenu lill-esponenti. Dan il-mod ta' regolamentazzjoni dwarhom sar konformement mal-ligi fl-ambitu tas-separazzjoni personali ;

(d) li l-esponent qatt ma rratifikat in-negozju li kien ghamel zewgha bil-hwejjeg partikolari tieghu ;

(e) li f'kull kaz l-esponenti ma ghandhiex tkun kostretta, obbligata jew ikkundannata taghmel tajjeb ghat-total tas-somma reklamata izda, se mai, in pessima ipotesi, sal-import tas-sehem taghha.

Ghaldaqstant il-konvenuta talbet li dina l-Qorti joghgobha tirrevoka fil-konfront taghha s-sentenza profferita mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-12 ta' Marzu 2001, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

**<u>IR-RISPOSTA TA' L-APPELL TA' ANTHONY MANGION</u>**

5. L-attur appellat wiegeb hekk :-

Illi s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-12 ta' Marzu 2001 hija gusta u jisthoqqilha konferma fil-konfronti ta' Mario Fenech u martu Margaret Fenech bl-ispejjez taz-zewg istanzi u dana ghaliex :-

(i) is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta' Lulju 1998 fl-ismijiet Anthony Mangion vs Mario Fenech (Avviz 1117/98 MM) li ghaddiet in giudikat kienet ikkanonizzat lill-appellat Anthony Mangion fis-somma ta' mien mitt lira (Lm800) inrifuzjoni ta' flus imhallsin mill-appellat lil Mario Fenech ghal promessa ta' cessjoni ta' art maghrufa ta' Sini f'Zebbug liema cessjoni ma setghetx qatt issehh ghaliex l-art in kwistjoni, ma kienet qatt ta' Mario Fenech. Izda kienet tal-gvern registrata f'isem il-mejjet missier Mario Feench u missier tlett hutu ohra u per konsegwenza l-appellat ma setghax jiehu pussess ta' l-istess art u jahdimha u juza l-bir ta' go fiha (Dok 'A').

(ii) Illi s-sorti f'din il-kawza kienu jappartjenu lil komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn l-appellanti u zewgha Mario u l-kreditu ta' l-appellat rikonoxxut fl-imsemmija sentenza kien kontra l-komunjoni ta' l-akkwisti u per konsegwenza dejn ta' l-istess.

(iii) Illi kien evidenti kif juru l-provi li l-konjugi Mario u Margaret Fenech riedu li permezz ta' sutterfugi, rizultanti mill-provi li jevadu l-ezekuzzjoni tas-sentenza precitata billi jinhbew taht il-provvedimenti ta' kuntratt ta' separazzjoni bonarja li permezz tieghu provaw jevitaw l-

effetti ta’ Mandat ta’ Qbid 1611/98 tat-18 ta’ Awissu 1998, u l-proceduri sussegwenti tas-subbasta u dana sabiex l-appellat jigi michud milli jigbor lura l-flus li minnhom kien gie mqarraq mir-ragel ta’ l-appellanti u l-istess appellanti li fil-fatt mhux biss kienet irceviethom in parte in kontanti izda anke fl-ammont ta’ Lm200 permezz ta’ cekk intestat f’isimha.

(iv) Illi l-ewwel Onorabbli Qorti saggament sabet mill-provi u d-dokumenti provduti fil-kawza li t-talba ta’ l-appellat li l-oggetti elenkati fil-Mandat ta’ Qbid 1611/98 kienusoggetti ghall-effetti ta’ l-istess Mandat u dana nonostante l-assenjazzjoni fuzulla li kienet saret minn Mario Fenech a favur ta’ l-appellanti martu Margaret Fenech u li bhala tali, dawn l-oggetti kienu u ghadhom soggetti ghad-domanda ta’ l-appellat ghall-bejgh in subbasta in sodisfazzjoni tad-debitu tal-komunjoni gia ezistenti bejn l-appellanti u zewgha dovut dan id-debitu lill-appellat li jkun jista’ jithallas u jigi sodisfatt skond il-ligi.

Ghaldaqstant l-appell tal-konvenuta ghandu jigi michud u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjez kontra l-appellanti ma’ dawk ta’ l-ewwel istanza kontriha u kontra zewgha Mario Fenech ukoll.

## IS-SENTENZA TA’ DIN IL-QORTI

6. Il-vertenza hija dwar ammont ta' Lm800 li gie aggudikat b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) kontra Mario Fenech, ir-ragel ta' l-appellanti konvenuta Margaret Fenech u aktar, precizament dwar l-oggetti mobbli maqbudin b'mandat ezekuttiv u formanti parti minn procedura ta' subbasta li l-appellanti kkontestat in kwantu tikkontendi li l-oggetti maqbudin kienu taghha u d-dejn kien wiehed parafernali ghal zewgha. L-ewwel Qorti ddecidiet li previa li dawn l-oggetti maqbuda kienu tassaw parafernali u appartenenti lill-konvenuta ma ngabitx salv ix-xhieda tal-konvenuta nfisha u li dan f'kull kaz ma jbiddilx il-konsegwenzi legali tal-kreditu li ghandu l-attur. Dan ukoll billi dik il-Qorti kienet gja' qieset li l-kreditu imsemmi kien tal-komunjoni u mhux wiehed parafernali.

Din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti kollha tal-kawza, sejra tinvesti d-diversi punti ta' ligi u ta' fatt li jemergu mill-provi prodotti u dana billi din il-kawza tipprospetta sensiela ta' aspetti diffikultuzi li, qabel ma tinghata decizjoni finali, jridu l-ewwel jigu rizolti.

**<u>Dwar in-natura tal-kreditu</u>**

7. L-ewwel Qorti, kif gja' inghad, iddecidiet li l-ammont shih ta' Lm800 kien kollu dejn gravanti l-konjugi Fenech. Din il-Qorti ma taqbilx ghal kollox ma' din il-kostatazzjoni ghar-ragunijiet segwenti. Mill-provi jirrizulta li l-attur appellat kien wasal fi ftehim mal-konvenut Mario

Fenech li dan ta' l-ahhar jittrasferilu l-uzu jew xi dritt simili ta' cessjoni ta' art maghrufa bhala "ta' Trenta", fil-limiti ta' Srini, Zebbug, Malta. Illi ghalkemm tissemma' s-somma ta' Lm800, fil-fatt pero' jirrizulta li l-ammont ta' Lm600 biss kien dovut ghal dan it-trasferiment ta' l-art, mentri l-Lm200 l-ohra kienu dovuti ghal xi xoghol maghmul jew li kellu jsir mill-konvenut Mario Fenech konsistenti f'tiswijiet ta' xi hajt tas-sejjieh. Billi fuq kollox l-art de quo lanqas kienet tappartjeni lill-koncedenti Mario Fenech, ebda kuntratt ta' trasferiment ma sehh u l-attur allura talab ir-rifuzjoni tal-flus li hallas. Jigi nnutat li :-

(i) l-azzjoni ghar-rifuzjoni maghmulha mill-appellat attur saret biss kontra l-konvenut Mario Fenech, li baqa' kontumaci ;

(ii) li fic-citazzjoni/avviz promotorju l-ammont gie maqsum f'zewg ammonti separati – jigifieri Lm600 u Lm200 rispettivament ;

(iii) li l-konvenuta appellanti ma kienitx parti f'dik l-azzjoni li giet aggudikata fil-frattemp kontra l-konvenut Mario Fenech.

Mill-provi inoltre jirrizulta wkoll illi :-

(iv) l-attur kien edott mill-bidunett li dwar l-art in kwistjoni l-mara ta' Mario Fenech ma kienet ticcentra proprju xejn l-ghaliex kull dritt talvolta kien naxxenti jew derivanti minn din l-art kien parafernali u mhux tal-komunjoni tal-akkwisti.

8. Mis-suespost ghalhekk ghandu jirrizulta kjarament li filwaqt li d-debitu ta’ Lm600 kien wiehed parafernali, mhux l-istess invece kien il-bqija ta’ l-ammont fis-somma ta’ Lm200. Di fatti, jirrizulta li dan l-ammont inferjuri gie effettivament imhallas tramite cekk mahrug fuq isem l-appellanti konvenuta. Mhux bizzejjed, biex wiehed jezimi ruhu minn kull responsabbilita’ legali, li jghid li ma kienx jaf ghal x’hiex iffirma. Cekk accettat jammonta ghal hlas u min jiffirma cekk li jkun inhareg lilu jkun ghamel dan bhala accettazzjoni tal-pagament u jekk il-firma ssir biex ic-cekk jigi ggirat fuq haddiehor, f’dan il-kaz ir-ragel taghha, xorta wahda jkun ifisser li l-firmatarja tkun wahda mill-persuni li tkun irceviet il-pagamenti fil-kaz li c-cekk ikun gie inkassat. Illi mill-provi jidher ovvju li kwantu ghall-ammont ta’ Lm200, li dan in realta’ kien dejn tal-komunjoni u mhux wiehed parafernali u li ghalhekk kellu jitqies bhala tali ghal kull fini u effett tal-ligi. Dan kien rikavat ta’ xoghol li kellu jaghmel il-konvenut Mario Fenech waqt iz-zwieg u bhala tali kien dhul tal-assi tal-komunjoni u mhux parafernali.

**Dwar l-oggetti elevati bil-Mandat ta’ Qbid**

9. Gja’ inghad li l-ewwel Qorti ma kienitx soddisfatta bil-provi li tressqu mill-konvenuta appellanti li dawn l-oggetti kienu tassew parafernali. Din il-Qorti tibda billi hawn tosserva li hija prassi stabbilita ta’ din il-Qorti ta’ Appell li ma tiddisturbax leggerment dik l-evalwazzjoni

dwar provi ta' fatt li jkunu tressqu quddiem l-ewwel Qorti u ma thossx li hemm raguni ghal xi tibdil minn dak li gie kkostatat mill-ewwel Qorti dwar dan il-punt. L-attrici strahet biss fuq ix-xhieda taghha pero' opponiet ghal talba ulterjuri mill-kontroparti biex jittella' jixhed zewgha in subizzjoni. Hija ma ppruvatx sufficjentement u bl-ahjar mod li l-oggetti maqbudin kienu tabilhaqq parafernali u mhux tal-komunjoni. Kwindi, kwantu ghall-kreditu fl-ammont ta' Lm200, in kwantu jiggrava l-komunjoni tal-akkwisti, dan irid jithallas minn dan ir-regim, salv kull aggustament intern bejn il-konjugi Fenech in vista wkoll ta' l-att ta' separazzjoni legali raggunta bejniethom fil-mori tal-proceduri.

10. Illi kwantu ghar-rimanenti ammont ta' Lm600 dovut lill-appellant Mangion, din il-Qorti hija tal-fehma li dan id-dejn, bhala debitu parafernali ta' wiehed mill-konjugi, f'dan il-kaz ta' Mario Fenech, m'ghandux jigi saldat mill-assi tal-komunjoni. Hu biss meta lanqas haga bhal din ma tkun possibbli li l-kreditu jkollu dritt li jdur kontra l-assi tal-komunjoni imma biex dan isir, l-ewwel jispetta lill-kreditur ezekutant li jesegwixxi kontra l-assi parafernali. Dan hu konformement ma' dak li hemm ikkontemplat fl-artikolu 1329(1) tal-Kap. 16 li jghid li,

> "…… il-kredituri ta' parti fiz-zwieg ghal djun li ma tbatihomx il-komunjoni ta' l-akkwisti, sew jekk id-dejn ikun sar qabel iz-zwieg jew wara, jistghu, meta dawk il-kredituri ma jkunux jistghu jissodisfaw it-talba taghhom kontra l-beni parafernali ta' dik il-parti, jinforzaw it-talba taghhom <u>in subsidium</u> kontra l-beni li jkunu parti mill-komunjoni izda biss sal-valur li dik il-parti jkollha mill-komunjoni tal-akkwisti".

Illi sakemm l-attur appellat baqa' ma pprevalixxiex mis-suespost allura jfisser li ghalissa l-procedura intentata minnu kontra l-assi tal-komunjoni biex jigi rifuz lilu l-ammont ta' Lm600 minghand il-konvenut Mario Fenech kienet wahda prematura.

Ghal dawn ir-ragunijiet ;

Tiddeciedi billi tilqa' in parte l-appell tal-konvenuta Margaret Feench u dana billi tirriforma dik il-parti tas-sentenza appellata moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-12 ta' Marzu 2001 fil-kawza fl-ismijiet premessi u dan billi filwaqt li tirrevoka l-parti fejn gie deciz li t-talba intiera tal-attur appellat tigi milqugha u, minflok, tikkonfermaha biss kwantu ghall-ammont ta' Lm200 u tirrevokaha kwantu ghall-bqija (rigwardanti l-ammont parafernali ta' Lm600) u b'dan ukoll li l-kap ta' l-ispejjez kwantu ghaz-zewg istanzi jigi sopportat hekk : tlett kwarti (¾) jithallsu mill-attur appellat u kwarta parti (¼) mill-konvenuta appelalnti u mill-konvenut Mario Fenech. Tibqa' espressament rizervata favur l-attur appellat kull azzjoni futura lilu spettanti skond il-ligi si et quatenus ghar-rikavat tal-kreditu ta' Lm600 kontra l-konvenut Mario Fenech.

Dep/Reg

mg